MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-15 ta' April, 2008

Talba Numru. 102/2008

**Talba Nru: 102/08 PBC**

**Maria Assunta Bugeja I.D. 510358(M)**

**-vs-**

**Lucia Dalli I.D. 521057(M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attrici talbet il-hlas tas-somma t'elf, hames mija u erbatax-il Euro u disa' centezmi (€1,514.09) – (Lm650) liema ammont huwa rapprezentanti self brevi manu maghmul mill-attrici lill-konvenuta. Bl-ispejjez inkluza l-ittra ufficjali numru 5308/07 maghmula taht l-Artikolu 166A tal-Kap. 12 u bl-imghax legali.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma t'elf, hames mija u erbatax-il Euro u disa' centezmi (€1,514.09) – (Lm650), bl-imghax kif mitlub.  L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------